A.L. 95 ta' l-1981

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 58)

Regolamenti ta' l-1981 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet dwar Ċensura ta' Produzzjonijiet Drammatiċi u ta' Produzzjonijiet oħra tal-Palk

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1981 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet dwar Ċensura ta' Produzzjonijiet Drammatiċi u ta' Produzzjonijiet oħra tal-Palk, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1973 dwar id-Drittijiet dwar Ċensura ta' Produzzjonijiet Drammatiċi u ta' Produzzjonijiet oħra tal-Palk, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

AL 45 ta' l-1973

Jissostitwixxi l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok l-iskeda li tinsab mar-Regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"SKEDA

(Regolament 2)

	£
1. Produzzjoni bil-Malti	
kompożizzjoni ta' Att wieħed	80,0
kull produzzjoni oħra drammatika u tal-palk ...	1.05,0
2. Produzzjonijiet b'ilsna oħra	
kompożizzjoni ta' Att wieħed	1.35,0
kull produzzjoni oħra drammatika u tal-palk	1.85,0".